MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 180/2004

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**vs**

**Ali Eia Ezabe u martu Charmaine Ezabe**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Bank attur talab il-kundanna tal-konvenuti solidalment bejniethom ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' erbat elef seba' mija u wiehed u ghoxrin lira u tnejn u sittin centezmu (LM 4721.62,0) dovuti in kwantu ghal LM 4329.69,0 bhala bilanc ta' "Loan Account" bin-numru 027-074160-300 u r-rimanenti LM 391.93,0 bhala imghax fuq l-istess "Loan Account" sas-16 ta' April 2003 kif jirrizulta mill-istatement hawn anness bhala Dokument A;

Bl-imghax legali mis-17 ta' April 2003 u bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat illi l-konvenuti, debitament notifikati, ma kkontestawx it-talba attrici.

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-Bank attur sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-20 ta' Ottubru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tal-Bank Attur u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti ihallsu solidament bejniethom lill-bank attur s-somma komplessiva ta' erbat elef seba' mija u wiehed u ghoxrin lira u tnejn u sittin centezmu (LM 4721.62,0) bl-imghax legali mis-17 ta' April 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------